**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA 22 TA' JANNAR, 2002**

**Numru: 6**

**Avviz Nru: 987/01 AE**

**Allcare Insurance Agency Limited**

**vs**

**Claude Grima**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' disgha mija u ghoxrin lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm920.00), bilanc minn prezz ta' premia u spejjez

ancillari inkorsi fuq poloz ta' assigurazzjoni mahruga fuq ordni u inkarigu tal-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha ecepixxa:

1. It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta attrici.
2. Il-konvenut m'huwiex legittimu kontradittur kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
3. Ma tezisti ebda relazzjoni guridika bejn il-partijiet.

Fil-kors tal-proceduri l-konvenut issolleva l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' kompetenza tat-Tribunal sabiex jiehu konjizzjoni tat-talba tas-socjeta attrici.

Il-kawza giet differita ghal sentenza fuq l-eccezzjoni dwar nuqqas ta' kompetenza.

Ikkunsidra:

1. L-ammont pretiz mis-socjeta attrici jirrizulta minn kont li jgib in-numru 15583 intestat fuq isem il-konvenut.

2. Jirrizulta li qabel it-12 ta' Gunju 2001, dan il-kont kien fih bilanc ta' flus li jeccedu l-kompetenza ta' dan it-Tribunal. Irrizulta wkoll li b'riferenza ghal dan il-bilanc kien intlahaq

ftehim ma' Aaron Galea u thallset akkont is-somma ta' hmistax-il elf lira Maltija (Lm15,000).

3. Permezz ta' ftehim li gie ffirmat fit-12 ta' Gunju 2001 (fol. 15) bejn il-kontendenti, is-socjeta attrici obbligat ruhha li meta ***"jithallsu l-kambjali hawn annessi markati dokumenti "A" u "B" l-kont numru 15583 illi d-debitur ghandu pendenti mal-kreditur, jigi kkancellat"***.

4. Illi fis-seduta tal-5 ta' Dicembru 2001 is-socjeta attrici kkonfemat permezz ta' l-avukat ta' fiducja taghha li *"l-flus li huma dovuti minn Aaron Galea skond il-kambjali a fol. 16 u 17 tal-process huma wkoll dovuti minn Claude Grima peress li l-kont numru 15583 huwa registrat fuq isem il-konvenut u kien jigi operat minnu"*. Jidher ghalhekk li s-socjeta attrici ghad ghandha pretenzjonijiet ohra fil-konfront tal-konvenut f'dak li jirrigwarda negozju li sar qabel it-12 ta' Gunju 2001 fuq il-kont numru 15583. Tant hu hekk li l-Financial Controller tas-socjeta attrici xehed: *"fuq il-kont numru 15583 hija dovuta s-somma ta' sebat elef mitejn u tlieta u sittin lira Maltin mill-konvenut skond l-istatement li jiena ghandi quddiemi"* (seduta tat-22 ta' Novembru 2001).

5. Skond l-Artikolu 3(2) ta' l-Att dwar it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar, it-Tribunal huwa kompetenti sabiex jisma' u jiddecidi ***"only all money claims of an amount not exceeding one thousand five hundred liri"***.

6. It-talba tas-socjeta attrici hija ghall-hlas tas-somma ta' disgha mija u ghoxrin lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm920.20).

7. Inoltre, sabiex it-Tribunal jasal biex jiddetermina min mill-kontendenti ghandu ragun, irid jiddetermina jekk effettivament tezistix relazzjoni guridika bejn il-kontendenti.

8. Fil-fehma tat-Tribunal l-eccezzjonijiet moghtija mill-konvenut ser jaghtu lok sabiex it-Tribunal jiddecidi materji li jkunu lil hin mill-kompetenza tieghu bhala prerekwizit sabiex jiddecidi l-meritu quddiemu. Huwa minnu li, *"il-kompetenza ma tiddependix bilfors u unikament mit-talba ta' l-attur imma tista' tiddependi wkoll, fejn ikun il-kaz, mill-eccezzjoni tal-konvenut"* (Volum XXXV.ii.454). Jista' jigri li ghalkemm kawza tkun inizjalment taqa' fil-kompentenza ta' Qorti jew Tribunal, din tigi ezawtorata *'ope exceptionis"*, bl-impunjazzjoni per ezempju ta' l-obbligazzjoni (Vol. XXXVII.i.542).

9. Meta ser jigi sabiex jitratta l-meritu, it-Tribunal ser ikollu jiddecidi jekk dwar il-kont numru 15583 tezistix relazzjoni guridika bejn il-kontendenti u li mill-provi jirrizulta li huwa kont kurrenti. It-Tribunal ma jistax jiehu b'mod izolat u limitat it-talba kif proposta mis-socjeta attrici, li trid bilfors tigi deciza fl-isfond tan-negozju li seta' sehh bejn il-kontendenti. Ta'

rilevanza huwa dak li xehed Patrick Zammit fis-seduta tat-22 ta' Novembru 2001: *"Irrid nghid illi fuq il-kont numru 15583 hija dovuta s-somma ta' sebat elef mitejn u tlieta u sittin Lira Maltin mill-konvenut skond l-istatement li jiena ghandi quddiemi"*. Is-socjeta attrici qeghda tikkontendi li bejn il-partijiet kien hemm kont kurrenti miftuh, operat skond id-diversi negozji kummercjali li ghamlu. Sabiex it-Tribunal jiddetermina t-talba tas-socjeta attrici u l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, ser ikun qieghed jezamina l-assjem ta' dawn l-obbligazzjonijiet u negozji u li bhalissa zgur li jeccedu l-kompetenza ta' dan it-Tribunal billi l-ammont li ghadu pretiz fil-konfront tal-konvenut jeccedi s-somma ta' elf u hames mitt lira Maltija (Lm1,500).

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jilqa' l-ecezzjoni ulterjuri sollevata mill-konvenut u jiddikjara ruhu mhux kompetenti sabiex jipprosegwi milli jisma' l-kawza.

L-ispejjez ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**